MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Numru 310/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Teddy Grima**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Teddy Grima (ID. Nru. 14658G) talli (**1**) fl-erba' snin precedenti c-citazzjoni (liema citazzjoni ggib id-data tas-16 ta' April 1998) bejn it-8 ta' Frar 1994 u t-13 ta' Marzu 1998 ghamel zvilupp jew halla li jsir zvilupp fuq l-art li taghha huwa s-sid minghajr permessi mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghal dan l-izvilupp konsistenti fi ftugh ta' barriera u qtiegh ta' gebel tal-franka fl-inhawi ta' Wied bir-Rix, limiti tal-Kercem, Ghawdex; kif ukoll talli (**2**) fl-istess zminijiet naqas li jhares u jobdi ordni ta' avviz biex jieqaf (nru ECF 19/94) datat 8 ta' Frar 1994 sabiex iwaqqaf immedjatament l-imsemmi zvilupp; u fit-tielet lok (**3**) kien

akkuzat li naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita` kompetenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-25 ta' Lulju 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Teddy Grima hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet, ikkundannatu multa ta' Lm20,000 (Eur. 46,587.46), filwaqt li dwar it-tielet imputazzjoni ikkundannatu ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena skond id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Teddy Grima, minnu ppresentat fl-1 ta' Awissu 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens illi din il-Qorti tikkonferma dik is-sentenza in kwantu sabitu hati skond it-tieni imputazzjoni izda tirrevokaha in kwantu sabitu hati skond l-ewwel u skond it-tielet imputazzjoni, u fi kwalunkwe kaz tissostitwixxi l-piena ghal wahda aktar gusta;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni. Hu jikkontendi li ma giex pruvat mill-prosekuzzjoni li huwa s-sid tal-art ossia tal-barriera in kwistjoni, liema prova hija neccessarja peress illi, kif gustament josserva, il-paragrafu (a) tal-Artikolu 56(1) tal-Kap. 356, jitkellem dwar "art li taghha huwa s-sid". Dana l-aggravju, pero`, huwa infondat. Apparti d-definizzjoni ta' "sid" kontenuta fl-Artikolu 2 tal-Kap. 356, l-appellant donnu qed jinsa li tali prova tista ssir kemm bi provi diretti kif ukoll b'dawk indizzjarji. Ix-xhieda <u>kollha</u> jirreferu ghall-appellant bhala l-persuna li kien ikun fuq il-post, li lilu kellmu, li lilu taw l-ordni biex jieqaf milli jkompli jestendi l-barriera oltre l-konfini tal-permess originali; u f'ebda hin ma hemm l-icken indikazzjoni li hu seta' ma kienx sid il-barriera. Pero` aktar minn hekk, kif jirrizulta mill-kopja tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ezibita a fol. 10 tal-atti, jirrizulta li kien l-istess appellant li appella mill-

avviz ta’ twettiq u l-avviz biex jieqaf, u din il-Qorti ma tistax tifhem kif tali appell seta jsir jekk l-appellant ma kienx is-sid tal-art in kwistjoni. Oltre dan, meta ddepona x-xhud Joseph Portelli, prodott mill-istess appellant, hu gie mistoqsi mill-abbili difensur tal-appellant jekk jiftakarx li kienu qed isiru diskussjonijiet mal-Ministeru ghal Ghawdex dwar xi barrieri, fosthom “il-barriera ta’ Teddy Grima”. Portelli fisser li effettivament “issejhu s-sidien tal-barrieri, u saret laqgha *jointly* bejn il-Ministeru ghal Ghawdex, u kien hemm anke rappresentatnti tal-MEPA, fejn is-sidien tal-barrieri gew irrakkomandati biex japplikaw biex jerregolarizzaw il-posizzjoni taghhom…”. Ghalhekk din il-Qorti hi sodisfatta li gie ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, ankorke` b’mod indirett, li l-appellant huwa sid l-art in kwistjoni.

It-tieni aggravju hu li t-tielet imputazzjoni ma tinkwadrax fil-paragrafu (d) tal-Artikolu 56(1) izda tipotizza r-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma taqbilx. L-imputazzjonijiet kollha kjarament hargu fl-ambitu tal-ligi – ligi specjali – dwar l-ippjanar (Kap. 356), u ghalkemm il-lokuzzjoni adoperata mill-pulizija meta harget ic-citazzjoni setghet kienet aktar felici, ma hemmx dubbju li hawn si tratta tar-reat kontemplat fl-imsemmi paragrafu (d) tal-Artikolu 56(1). Il-Qorti tsserva a propositu li l-Artikolu 345 tal-Kodici Krminali jipprovdi li fil-kazijiet mhux ikkontemplati fil-Kodici Kriminali u li huma s-suggett ta’ ligijiet jew regolamenti specjali, ghandhom jitharsu dawn il-ligijiet u regolamenti specjali. L-Artikolu 338(ee) hija disposizzjoni <u>generali</u> li tapplika ghall-ordnijiet legittimi ta’ kull awtorita`, mentri l-Artikolu 56(1)(d) japplika b’mod <u>specjali</u> ghal min, fost affarijiet ohra, jonqos milli jaghmel dak li ragjonevolment jigi mitlub li jaghmel minn ufficjal jew impjegat ta’ l-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Mid-deposizzjoni ta’ Mark Cini moghtija quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-22 ta’ Novembru 2007 jirrizulta car li dana l-ufficjal tal-MEPA diversi drabi kellem lill-appellant u wissieh li kien hemm l-avvizi biex hu jieqaf, izda l-appellant gie jaqa’ u jqum ghax evidentement finanzjarjament kien jaqbillu li jibqa’ ghaddej bix-xoghol ta’ tkabbir tal-barriera – bil-MEPA donnha impotenti li

taghmel xi haga konkreta (ghajr li tghid lill-Pulizija biex din tohrog citazzjoni) biex ma thallix art li dwarha ma kienx hemm permess ghal barriera effettivament tigi skavata bhala barriera u b'hekk rovinata ghal dejjem. Dana l-aggravju, ghalhekk, huwa wkoll respint.

Anqas jista' jinghad – dan hu t-tielet aggravju ta' l-appellant – li t-tielet imputazzjoni hija kompriza u involuta fit-tieni imputazzjoni. Il-fatt li jammonta ghan-non-osservanza tal-avvizi mahruga mill-MEPA huwa differenti mill-fatt ta' meta l-appellant intqal lilu (kif rajna, diversi drabi) biex jobdi dawn l-ordnijiet u jieqaf milli jkompli jahdem fil-parti tal-barriera mhux koperta bil-licenzja. Ghar-reati ipotizzati fl-ewwel zewg imputazzjonijiet il-ligi tippreskrivi biss piena pekunjarja, mentri ghal dak ipotizzat fit-tielet imputazzjoni hemm ukoll piena karcerarja. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, dana l-aggravju hu inforndat.

Fir-raba' u l-hames aggravji l-appellant bazikament jikkontendi li fic-cirkostanzi l-piena inflitta kienet harxa wisq. Hu jfisser li hu kien applika biex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu izda, skond hu, "il-parametri baqghu jinbidlu kontinwament u l-esponenti baqa' qatt ma ottjena l-permessi neccessarji". Din il-Qorti, pero`, mill-kumpless tal-provi, hi sodisfatta li hawn si tratta ta' infurzar fjakk tal-ligi da parti tal-MEPA, abbinat mal-interessi finanzarji ta' l-appellant li kkalkola li kien jaqbillu finanzjarjament jibqa' jopera l-barriera indipendentement mill-konsegwenzi, civili jew penali, li jista' jkun hemm. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan kien kaz fejn l-ewwel qorti kellha tinfliggi l-piena pekunjarja fil-massimu taghha ta' Eur. 116,468. Din il-Qorti, ghalhekk, ma tara li hemm lok ta' ebda riduzzjoni fil-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li l-periodu operattiv ta' sena tas-sentenza sospiza jibda jiddekorri mil-lum, u b'dan ukoll li jekk il-multa ma tithallasx skond il-ligi din ghandha tigi konvertita f'sena prigunerija. Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghas-subartikolu (8) tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll ghad-diversi kundanni ghal hlas ta' multi jew ammendi fil-kors tal-poroceduri quddiem l-ewwel qorti,

biex dawn il-pieni pekukjarji jingabru jew altrimenti jigu konvertiti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------